MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2011

Numru. 770/2011

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Sandro Zarb)**

**Vs**

**Aleksei Kostin**

Il-Qorti,

Rat il-Mandat ta' Arrest Ewropew anness mahrug mill-awtoritajiet gudizzjarji tal-Latvja kontra ALEKSEI KOSTIN maghruf minn issa l-quddiem bhala l-estradant minn fejn jirrizulta illi dan hu mfittex mill-istess awtoritajiet ta' pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali numru 320 tal-2004 u dan sabiex jiskonta piena inflitta, wara pattegament, dwar reati ta' serq bi vjolenza.

Rat ic-certifikat hawn anness mahrug mill-Avukat Generali skond l-artikolu 7.

Rat it-talba ghall-estradizzjoni tal-estradant lejn l-imsemmija Awtorita Gudizzjarja.

Rat id-dokumenti kollha annessi.

Semghet lill-partijiet.
Ikkunsidrat
Illi dawn il-proceduri waslu fl-istadju tal-'extradition hearing' li fih din il-Qorti, wara li digja accertat ruhha illi l-persuna deskritta fil-mandat in ezami u l-estradant huwa l-istess, l-ewwel haga li trid tiddeciedi hi jekk ir-reat deskritt fl-istess mandat hu '<u>an extraditable offence</u>' u f'kaz li d-decizjoni tkun fin-negattiv l-estradant ghandu jigi liberat ('discharge') (artikolu 12 tal-istess Avviz Legali).

Illi hawnhekk il-Qorti trid bilfors tara l-fatti kif deskritti fl-istess mandat u tiddeciedi jekk dawn jinkwadrawx ruhhom f'wiehed mill-kazijiet specifikati fl-artikolu 59 dejjem tal-istess Avviz Legali.

Illi fl-istess mandat qed jinghad illi l-estradant gie kondannat ghall-piena ta' prigunerija wara pattegament in konsegwenza ta' serq bi vjolenza.

Illi jigi rilevat, mal-ewwel illi mill-fatti kif esposti fil-mandat in ezami dan ir-reat ma hux wiehed skedat fit-tieni (2) skeda tal-istess Avviz Legali. Difatti r-reat skedat jirreferi ghal 'armed robbery' waqt li l-estradant ikkometta d-delitt <u>minghajr l-uzu ta' arma</u>. Inoltre kif jidher mill-anness Mandat in ezami, ma hemm l-ebda reat skedat li gie 'ticked'. Konsegwentement ma hux applikabbli l-artikolu 59(2) ibid. Pero is-subinciz (3) jghid illi kondotta partikolari tikkostitwixxi reat estradabbli b'referenza ghall-pajjiz skedat jekk:-
a) il-kondotta tisvolgi ruhha fil-pajjiz skedat,
b) l-istess kondotta tikkostitwixxi reat taht il-ligi Maltija jekk grat f'Malta (l-hekk imsejjha 'double criminality'),
c) l-istess kondotta hi punibbli taht il-ligi tal-pajjiz skedat bil-piena ta' prigunerija jew xi forma ta' detenzjoni b'minimu ta' tnax-il (12) xahar.

Illi fil-kaz in desamina u f'kazijiet simili, ghandu jigi rilevat illi wiehed jrid jara l-kondotta u mhux ir-reat "per se". Filfatt il-kondotta tal-estradant, kieku saret u grat f'Malta, kienet iggib maghha akkuza ta' serq bi vjolenza a bazi tal-artikolu 262(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, dwar iz-zewg elementi l-ohrajn bizzejjed li jinghad illi dwarhom dawn jissussistu f'dan il-kaz kif jidher mill-mandat in ezami.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara illi l-kondotta in ezami tikkostitwixxi 'an extraditable offence' u konsegwentement dawn il-proceduri ghandhom jissoktaw a bazi tal-artikolu 13 tal-istess Avviz Legali in rigward l-hekk imsejjha 'bars to extradition' kif hemm elenkati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------